MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1209/2003

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**Vs**
**Edgar Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Premess illi permezz ta' decizjoni tal-15 ta' Mejju 2003 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji imwaqqaf bl-Att VIII tal-1997 (Kap 394) iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi filwaqt li leqa' l-eccezzjonjiet tal-esponent dwar in-nuqqas ta' hatra ghall-kariga ta' Spettur fl-istess hin sab l-elementi ta' ingustizzja u hass li ghandu a tenur tal-Art 7(9)(d) tal-Kap 394 jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira (Lm2000) bl-ispejjez jibqghu bla taxxa. Dan kif jirrizulta wkoll mill-

istess decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet "Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija" (Rik. Nru 750/97) tal-15 ta' Mejju 2003 li kopja taghha hija hawn unita u markata "Dok A".

Premess illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija ultra vires il-poteri tieghu u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal, hija kontraddittorja u ma segwietx il-proceduri rikjesti mil-ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet in konsiderazzjoni fatturi irrilevanti, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi d-decizjoni ma kienitx gustifikata mill-provi li kienu rrizultaw lit-Tribunal billi ghall-kuntrarju kien fil-fatt irrizulta lit-Tribunal illi effettivament ir-rikorrent kien qed jilmenta (a) illi ma inghatax re-sit fl-ezami ghall-grad ta' Spettur li sar wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet numru 37/87 tat-22 ta' Lulju 1987 f'liema ezami il-konvenut ma kienx talab re-sit wara li wehel u lanqas ma gieb xi prova illi din il-fakolta' ta' re-sit inghatat lil xi kandidat iehor f'dan l-ezami b'mod li kien jindika xi ingustizzja mal-konvenut, u (b) illi ma inghatax promozzjoni 'onoris causa' wara s-sejha ghal applikazzjonijiet ghall-ezami ghall-grad ta' Spettur numru 56/88 tal-25 ta' Lulju 1988 li ghaliha r-rikorrent ma kienx applika u (c) in oltre waqt il-kawza l-konvenut ilmenta illi ma kienx gie promoss premezz ta' rakkomandazzjoni specifika lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif kien sar biss f'kaz ta' persuna ohra izda kien irrizulta lit-Tribunal illi tali promozzjoni li inghatat lil dan it-terz ma kienix ingiustifikata. Illi it-Tribunal fil-fatt ikkonkluda billi leqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent dwar in-nuqqas ta' hatra ghall-kariga ta' Spettur u ghalhekk ma hemm ebda bazi legali jew logika ghas-sejbien ta' ingustizzja u ghar-rakkomandazzjoni ta' kumpens fit-termini tal-Art 7(9)(d) tal-Kap 394 lill-konvenut. Huwa car illi fin-nuqqas ta' bazi ghal sejbien illi tkun saret xi "ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara" ghal konvenut fit-termini ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-Att VIII tal-1997 it-Tribunal ma jgawdix diskrezjoni illi jirrakomanda kumpens. Illi ghalhekk meta wasal ghall-imsemmija decizjoni abbazi tal-provi migjuba quddiemu t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jagixxi

ragjonevolment u li ma jesercitax il-poteri tieghu b'mod arbitrarju u illi jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa rilevanti;

2. Illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante illi t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti rimedju biss fejn jirrizulta li saret ingustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 fit-termini tal-Att VIII tal-1997 u jekk jikkundanna lill-intimat u jaghti rimedju fejn tali ingustizzja ma rrizultatx mill-provi it-Tribunal ikun qieghed jaghti decizjoni li huwa m'huwiex kompetenti biex jaghti bhal ma gara f'dan il-kaz. Fil-fatt la darba leqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent it-Tribunal ma seta' jaghmel xejn izjed hlief illi jillibera lill-esponent mit-talbiet u ma setax xorta wahda "isib l-elementi ta' ingustizzja" u jirrakomanda kumpens.

3. Illi t-Tribunal naqas li jsegwi l-procedura stabbilita bil-ligi billi huwa marbut illi jiddeciedi abbazi ta' provi migjuba quddiemu u fil-limiti tal-kompetenza specjali tieghu, haga li huwa naqas li jaghmel meta effettivament irrakkomanda li jinghata kumpens talli persuna li ma ghaddietx minn ezami ghal promozzjoni ma inghatatx il-promozzjoni u talli persuna li lanqas ma applikat ghal ezami ghal promozzjoni ma inghatatx dik il-promozzjoni;

4. Illi d-decizjoni impunjata hija wkoll ultra vires il-poteri tat-Tribunal billi permezz taghha t-Tribunal minghajr ma huwa moghti awtorita mil-ligi intrometta ruhu fil-mod kif ghandhom jinghataw il-promozzjonijiet fil-Korp tal-Pulizija u ma illimitax ruhu ghall-parametri ta' dak li jistipula l-Kap 394 u dan non ostante li tali promozzjonijiet jaqghu taht l-iskrutinju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fit-termini tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-ismijiet "Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija (Rikors 750/97) tal-15 ta' Mejju 2003 hija nulla ghax hija ultra vires il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal ghar-ragunijiet premessi;

u

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni kontemplata minn l-attur hija nulla u dana peress illi l-Att VIII tal-1997 (Kap 394) ma' jikkontemplax appell minn decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Illi jekk wiehed jara sewwa t-talbiet u l-kawsali tac-citazzjoni odjerna jara illi dina l-kawza kull ma hija tentattiv sabiex jigi varjat dak li ddecieda t-Tribunal imsemmi.

2. Illi l-mertu tar-rikors numru 750/97 fl-ismijiet "Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija" huwa llum res judicata u ghalhekk il-Qorti la darba ma' gewx disturbati principji ta' dritt naturali u disposizzjonijiet kostituzjonali ma' tista tissindika dak li dwaru ddecieda l-imsemmi Tribunal.

3. Illi fil-mertu, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2003 fl-atti tar-rikors "Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija" hija wahda korretta u t-Tribunal li ddecieda l-istess rikors ma' marx ultra vires fid-decizjoni tieghu.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, u l-lista tax-xhieda;
Rat li l-kawza thalliet ghad-data tallum ghas-sentenza fuq l-<u>ewwel eccezzjoni</u>;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li din l-Qorti tiddikjara decizjoni moghtija fil-15 ta' Mejju 2003 mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-ismijiet

"Edgar Borg vs Kummissarju tal-Pulizija, "nulla ghax hija ultra vires il-poteri" tal-istess Tribunal.

L-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-kawzali li d-decizjoni tat-Tribunal "hija ultra vires il-poteri tieghu u li nghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal, hija kontradittorja u ma segwitx il-proceduri rikjesti mill-ligi u naqset li tieghu konsiderazzjoni ta' dak li kien relevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet in konsiderazzjoni fattur irrelevanti".

Kif spjegat minnu fl-att tac-citazzjoni, tal-attur in sostanza qed jilmenta li d-decizjoni hija in vjolazzjoni tal-ligi, stante li ma hix gustifikata mill-provi u ghalhekk ma kien hemm "ebda bazi legali jew logika ghas-sejbien ta' ingustizzja", konsegwentement, fin-nuqqas tal-element tal-ingustizzja, it-Tribunal ma setghax jirrakkomanda kumpens, u ghalhekk id-decizjoni hija arbitrarja u t-Tribunal naqas li jagixxi ragjonevolment. Bl-ghoti tar-rimedju fl-assenza tas-sejbien ta' ingustizzja, fil-konfront tal-konvenut, huwa agixxa ultra vires il-poteri tieghu, ukoll peress li t-Tribunal intrometta fl-ghoti tal-promozzjonijet fil-Korp tal-Pulizija. Inoltre, l-attur isostni li d-decizjoni tat-Tribunal hija in vjolazzjoni tal-ligi, stante li mhijex bazata fuq il-provi li kellu quddiemu.

Il-konvenut minn naha tieghu qed jeccepixxi in linea preliminari li l-azzjoni hija nulla stante li l-Att VIII.1997 ma jikkontemplax appell minn decizjoni tat-Tribunal fuq imsemmi, u li l-proceduri odjerni mhuma tentattiv "sabiex jigi varjat dak li ddeciedi t-Tribunal."

Illi fl-ewwel lok jigi ribadit li dan il-gudizzju huwa limitat ghall-kwistjoni <u>dwar in-nullita o meno</u> ta' dawn il-proceduri fil-kontest tat-termini tal-att tac-citazzjoni. Fi kliem iehor, jekk l-azzjoni kif proposta hijex ammissibbli, stante li d-dritt ta' Appell mid-decizjonijiet, li ghandhom in-natura ta' rakkomandazzjonijiet [Art.7.11], huwa espressament eskluz fil-Artikolu 7[9][e] li testwalment jaqra hekk: "The decision of the tribunal shall be final and no appeal shall lie thereform."

Il-Qorti tosserva li dana certament m' ghandux jigi interpretat li jfisser li t-Tribunal m' ghandux obbligi naxxenti mill-ligi u mill-kostituzzjoni u li huma sindikabbli mill-Qrati Ordinarji. Hekk ad exemplum l-Artikolu 7[8] jimponi fuq it-tribunal l-obbligi li jaghti lill-paritjiet "a fair hearing within a reasonable time"; u wkoll l-obbligi tieghu that l-Art.9[b].

Il-Qorti tosserva li dan it-Tribunal bhala kull Tribunal iehor statutorju kostitwit b' ligi ad hoc, huwa soggett ghall-istharrig gudizzjarju bil-ghan li jigi accertat li dana ikun mexa skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi u b' hekk ma jkunx ecceda l-kompetenza tieghu emanenti mill-Att kostituttiv l-istess Tribunal; kif ukoll ghandu jigi sindikat mill-qrati jekk it-Tribunal mexiex skond il-Kostituzzjoni bil-harsien tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Il-premess isib il-bazi guridika tieghu fil-gurisprudenza kostanti u assodata li taghti lil qrati ordinarji l-gurisdizzjoni limitata li tissindika decizjonijet tat-Tribunal Industrijali, ghal-tlett kategorji ta' difetti [a] eccess ta' gurisdizzjoni, [b] non osservanza ta' l-istess ligi kostitwita, u [c] non osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja [1] - gurisdizzjoni hekk limitata li pero' ma taghmilx il-qrati ordinarja qrati ta' revizjoni jew addirittura Qrati ta' Appell; u il-gurisidzzjoni esklusiva konferita ex lege lit-Tribunal fil-funzjoni taghha u fl-apprezzament tal-fatti tibqa' impregudikata.

"Dan kollu hu sancit fl-Art.124 [10] tal-Kostituzzjoni in konnessjoni ma' awtoritajiet kostitwiti, bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk multo magis l-istess principji japplikaw ghal Tribunali kostitwiti b' ligi ad hoc"[2]. Il-Kostituzzjoni fl-Artikolu precitat espressament tistitpula: "Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorita' ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorita' ohra fl-ezercizju ta'

---

[1] Vide *PA [RCP] Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Walter Tanti* – 23.05.2001, u kazistika citata.

[2] *PA [RCP] Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Il-Prim Ministru – 3.10.2000; PA[GV] Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Christian Spiteri – 30.06.2000; u Q.Kost.Perit Vincent Galea vs Kummissjoni dwar Servizz Pubbliku [1985] Vol.LXIX.1.1*

xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni ma ghandha tiftiehem bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorita' tkun qdiet il-funzjonijiet skond din il-Kostizzjoni jew xi ligi ohra."[3] Artikolu tal-ligi li kjarament jissoggetta lil kull persuna u lil kull Awtorita' li taqdi funzjoni pubblika, ghall-iskrutinju tal-qrati bil-ghan li jigi accertat li l-poter lilhom moghti qed jigi ezercitat skond u fil-limiti tal-ligi, kemm ordinarja kif ukoll u dik kostituzzjonali.

Mill-premess ghandu jrrizulta car u manifest li, il-fatt li l-ligi tikkonsidera d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji bhala finali u li minnhom ma hemmx appell, ma jeskludix il-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati sabiex jissindikaw l-operat taghha, limitatament kif fuq indikat, u senjatament li din tkun agixxiet intra vires il-poteri konferiti lilha, fil-limiti tal-ligi kostituttiva taghha, u li gew osservati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanciti mill-Kostituzzjoni.

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni odjerna hija ammissibbli, u li l-eccezzjoni tan-nullita' hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt – tibqa' impregudikata u riservata l-kwistjoni jekk it-Tribunal bid-decizjoni tieghu mexiex skond u fil-limiti tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni – spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.